# L-Artist Samwel Bugeja (1920-2004)

Imwieled ir-Rabat, Samwel kellu karriera sabiħa u interessanti. Ibda mill-apparendistat fid-disinn ornamentali taħt Carmelo Tonna u bħala student fl-Iskola ta' l-Arti taħt Edward Caruana Dingli (1867-1960) u għalliema oħra. Huwa kien tħarreġ tajjeb ukoll ma' missieru Adam fl-iskultura ta' oġġetti ta' l-injam għall-knejjes. Fl-erbgħinijiet beda l-karriera ta' restawr mas-sezzjoni tal-Belle Arti fil-Mużew Nazzjonali meta kien kuratur l-iskultur ta' fama Antonio Sciortino (1879-1947). Dan fetaħlu orizzonti fil-kamp tar-restawr ta' xogħlijiet ta' Mattia Preti (1613-1699) ta' Filippo Paladini (1544-1616) u ta' Erardi. Imbagħad issokta bħala student fil-Leicester College of Arts fl-Ingilterra.

Samwel kien akkumpanja l-kapulavur ta' Caravaggio (1583-1610), il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann nil-Battista, tal-Kon-Katidral tagħna, meta kien intbagħat għal restawr fiċ-Centro del Restauro ta' Ruma. Hemmhekk huwa kellu l-opportunità jipperfezzjona f'dak li kien f'dan il-qasam. Fost oħrajn seta'



jmiss b'idejh xogħlijiet ta' Duccio di Buoninsegna (c.1260-1319) fi Siena u ta' Pinturricchio (1454-1513).

Meta ġie lura Malta nħatar surmast fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Dil-ħabta għamel ħafna xogħol ta' l-iskultura fl-injam. Eżempji ta' xogħlijiet ta' din il-fażi huma dik il-figura impressjonanti ta' Ġesuċ msallab u dik ta' San Ġwann tas-Salib. Iżda ma abbandunax ir-restawr. Jissemmew dak ta' l-apside ta' Mattia Preti fil-Katidral ta' l-Imdina u l-politiku ta'

San Pawl maħdum bit-tempera fuq l-injam li hemm fil-Mużew fl-Imdina. Id-dekorazzjoni tat-Teatru Manoel u xogħol ieħor ta' restawr fil-pittura ta' Attilio Palombi (c. 1860 -1913) fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt, fuq xi xogħlijiet ta' Lazzaro Pisani (1584-1932) u fuq kollox fuq il-magħruf Kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu. Mhux ta' min jinsa l-iskoperta u r-restawr ta' l-eqdem xbieha tal-Madonna tal-Mellieħa, tradizzjonalment attribwit lil San Luqa.

Meta f'Birkirkara l-Kapitlu, li kien ilu snin jikkonsidra u jieħu parir minn esperti dwar ir-restawr ta' l-affreski ta' Virginio Monti (1852-1940), li kienet iddeterjorat minħabba konsenturi miftuħin, infiltrazzjoni ta' ilma tax-xita minkejja tiswijiet li kienu jsiru fuq barra, swidija u nuqqas ta' ventilazzjoni adegwata, fl-1985 iddeċieda li x-xogħol jinbeda bla dewmien.

Quddiem karriera hekk brillanti ta' l-artist Malti Samwel Bugeja, fi żmien l-Arċipretura ta' Monsinjur Ġużeppi Mifsud Bonniċi, il-Kapitlu approva lil Buġeja minkejja li kienu ssuġġerewlu xi artist barrani. Flimkien ma' wliedu għamel evalwazzjoni tal-ħsarat u ta' l-aħjar teknika li kellha tintuża. Dam jaħdem is-snin b'paċenzja, ħila u reqqa. Hekk nistgħu mill-ġdid ingawdu dak is-suġġett li, fuq studju dettaljat tal-kanonku Palermitan Salvatore di Pietro, kien ħareġ minn idejn Monti, li fehem, żvolġa u wettaq fl-affreski tal-volti u tal-koppla: *It-testment il-Ġdid u dak Qadim jikkonkorru fit-Trionf tas-Salib.*

Bħala prokuratur wara l-mewt tad-Dekan Vincenz Saliba, kelli l-opportunitaċ li nkun fejn Samwel waqt ix-xogħol u niftakar darba qalli li meta jiltaqgħu fis-sema, Monti kellu jifraħlu li kkonservalu xogħol li kien jikkonsidrah bħala kapolavur. Samwel ħalliena u barra l-eżempji tajba li rajt minnu fis-snin tal-ħidma tiegħu fil-Bażilka, għandna kull tama li fil-laqgħa tiegħu ma' Kristu, mhux dak li kien skolpa fl-injam, iżda Kristu Rxuxtat, ser jagħtih il-premju mistħoqq. Jistrieħ fis-sliem.

**30 ta' Marzu 2004**
**Dun Anton Mallia Borg**

Fil-jiem tal-festa, u kuljum, nidħlu fil-knisja,
fid-dar t'Alla Missierna,
bir-rispett li jixirqilha dejjem, fl-ilbies u l-imġiba tagħna